# Il-Festa Tagħna fl-Imgħoddi

Għalkemm, żagħżugħ, u niftakar il-festa tagħna aktar moderna; hemm ħafna, bħal nannieti, li jiftakru il-festa tagħna, fil-bidu tagħha, oħrajn jiftakruha fl-imgħoddi. Illum xtaqt li niġbor ftit frak mill-istorja tagħna u ngħidu xi ħaġa fuq il-festa tagħna, kif kienet issir fl-imgħoddi, skond nannienti.

Il-festa tagħna kienet minn dejjem tiġbed bosta nies, minn bliet u rħula ta' Malta kollha. Il-festa kienet issir fuq iz-zuntier tal-knisja fi Triq Balbi, fi Triq il-Marsa, fi Triq San Mikiel u aktar tard fi Triq Isourd. Dawn it-Toroq kienu minn l-ewwel li kienu jintramaw. Hawn ta' min jgħid li fi Triq San Mikiel, kienet tintrama Tribuna mill-isbaħ biex meta tgħaddi l-proċessjoni sagramentali, kienet tingħata l-benedizzjoni taħtha. Minn ta' l-ewwel nies li jarmaw għall-festa insibu lil ċertu Patri Rafel Hockey u għadd ta' dilettanti oħra. Kienet l-użanza ta' dak iż-żmien li kull triq kienu jġibu xi banda, Il-famuża Banda ta' Indri u baned oħra tal-qrib, kienu jiġu jferrħu lill-poplu tagħna. L-antiki jsemmu li fi Triq Balbi fejn illum hemm is-Sala Jhansi, kienet għalqa u għall-festa kienet tintrama bis-siġġijiet u mwejjed għall-ġelati u għal-luminata. In-nanna ukoll tiftakar meta kienu jinżlu il-Menqa ħalli jisimgħu il-banda u jaraw il-ġostra tal-barkun. Il-murtali tal-festa kienu jingħataw mill-għalqa ta' ċertu Ġennaru, fejn illum tgħaddi Triq Diċembru XIII. In-nies kienu jinġabru fejn illum hemm it-*Telephone Exchange* biex jaraw il-ġiġifogu.

Sa dak iż-żmien qatt ma kellna banda tagħna, kienu jiġu l-aqwa baned tal-gżira, fosthom il-King's Own u La Vallette tal-Belt. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar il-festa bdiet issir aħjar. Il-programm tal-baned kien jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-innu lis-Ssma. Trinità tas-Surmast Casapinta fost ċapċip u briju. Kien jitkanta minn għadd ta' solisti rġiel u bosta tfal. U hawn ta' min is-semmi ukoll il-festa tal-1919. Din il-festa kienet ġiet ftit jiem wara l-Irvellijiet tas-Sette Gunju. Wara li fit-toroq tagħna kienu in-tramaw il-pilandri u l-armar tal-festa, matul il-lejl, xi nies mhux magħrufa, flok ma ppro-testaw biex ma ssirx festa, minħabba l-luttu nazzjonali għal dawk li mietu fl-irvellijiet, qalgħu l-pilandri minn lokhom u poġġewhom fl-art b'disapprovazzjoni. Il-Festa esterna minħabba f'hekk ma kienetx saret.

Mhux ta' min iħalli barra l-ġrajja l-oħra meta bdiet tinħass biex titwaqqaf banda tagħna. Fil-fatt kien twaqqaf każin fi Triq is-Salib u ieħor fi Triq Fra Diegu. Imma kien fl-1930 meta twaqqfet banda li ssemmiet għal San Franġisk u kienet topera fil-Moll tal-In-jam. Hawn nistgħu ngħidu li il-festa bdiet tqum aktar fuq saqajha. Hawn infetħet era ġdida fil-festa tagħna tal-Marsa, bit-twaqqif tal-Banda illum imsejħa Banda Trinità Mqaddsa. Ġrajja oħra kienet meta twaqqaf Kumitat tal-Festa ta' Triq Zerafa. Dan il-Kumitat ħadem ħafna biex saru festi isbaħ u l-armar kien żdiet ġmielu b'ħafna bandalori, pavaljuni, anġli u statwi oħra, li għadna naraw fit-triqat tagħna sal-lum. Barra dan il-kumitat, kien hemm kumitati oħra iżgħar li

*aqleb għal paġna 47*


PELICAN ENGINEERING WORKS
(TREVISAN) LTD.

Marine and Industrial Engineers
Specialist Yacht Conversions

62-63, Timber Wharf,
MARSA. Tel. 227324

## Il-Festa Tagħna fl-Imgħoddi

— jkompli minn paġna 45

kienu jaraw mill-aqwa it-triqat tagħna. Hawn wieħed irid isemmi li fi Triq San Pawl jingħad li it-triq kienet tkun imsaqqfa bl-armar. Dawn it-talin kienu jimpikaw bejniethom minn minnhom kien se jarma it-triq tiegħu l-aħjar.

Għal xi snin, flok il-baned tradizzjonali Maltin, kienu bdew jinġiebu baned tal-jazz, imma dawn kienu tneħħew, għaliex skond xi nies, dawn kienu mhux ta' spirtu ta' festa. Qabel ma' nbniet Triq il-Farfett, il-proċessjoni tal-Festa kienet tgħaddi minn dawn it-Toroq: Triq Balbi, Triq il-Marsa, Triq Ħal-Qormi, Triq San Mikiel, fejn kienet tingħata l-benedizzjoni, wara tinżel Triq Isourd, Triq il-Marsa u għal ġol-knisja. Illum ir-rotta inbidlet, bħalma imbidlet il-proċessjoni. In-nannu jgħid li għall-proċessjoni tagħna, kienet waħda mill-itwal li kienu jsiru, fejn biha kienu jieħdu sehem rappreżentanza minn kull ordni reliġjuż minn Malta kollha. Is-sollenità tal-proċessjoni kienet tispikka fost kollox.

Li ma semmejniex hi l-knisja tagħna. Fl-antik, il-knisja nhar jiem ta' festa kienet tintrama mill-aħjar li kienu jistgħu dak iż-żmien. Kull sena kienet tiżżanżan xi opra artistika miġbura minn flus in-nies ġenerużi Marsin. Fi kważi tmenin sena, il-knisja tagħna intliet daqs bajda b'dawn l-opri. Jingħad li fl-antik, il-knisja kienet tinkesa bil-liedna mal-art ħalli tidher isbaħ u tfuħ. Kull kappillan għamel ħiltu kollha ħalli maż-żmien iħalli xi ħaġa f'tifkira tiegħu fil-knisja. Kulħadd ħadem kemm felaħ, biex il-knisja tagħna tkun mill-aqwa knejjes li għandna fil-gżira, speċjalment fil-festa.

Hemm ħafna aspetti oħra li kienu jsiru fl-imgħoddi fil-festa tagħna, imma trid tikteb volum u mhux artiklu. Fittex minn hawn u saqsi minn hemm, ġbart ftit frak mill-istorja tal-imgħoddi. Min jaf kemm hemm anzjani li jiftakru dak li semmejt u jġibu nostalġija mill-isbaħ. Għalina ż-żgħażagħ dawn qatt ma rajniehom u għalina saru storja. Iż-żmien jinbidel u allaħares ma kienx hekk. Biss dejjem tajna ġieh u qima lit-Trinità Qaddisa, patruna tal-Parroċċa tagħna.

**Teddy J. Farrugia**